# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 9**

**Citaz. Nru. 695/00GV**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Joseph Caruana Smith**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf sitt mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm1,682.52) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' Mobile telephone u *airtime* ghall-istess uzu mghoti lill-konvenut mis-socjeta' attrici skond il-fattura hawn annessa markata Dokument A.

Premess illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh.

2 tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm1,682.52) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Dicembru, 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecida billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**